# Kalendarju Liturġiku għax-xahar ta' Ġunju

| | |
|---|---|
| Is-Sibt, 3 ta' Ġunju | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 4 ta' Ġunju | **Solennità tat-Trinità Qaddisa**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| L-Erbgħa 7 ta' Ġunju | Sette Giugno – Festa pubblika.<br>Quddies: 6.45 am u fis-6.15 pm. |
| Is-Sibt, 10 ta' Ġunju | Quddies: 6.45am, 8.30am u fis-6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 11 ta' Ġunju | **Solennità tal-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej**<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju | **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesuù** Quddies: 6.45 am, 8.30 am u 6.15 pm |
| Is-Sibt, 17 ta' Ġunju | Quddies: 6.45am, 8.30, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 18 ta' Ġunju | 11-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Is-Sibt, 24 ta' Ġunju | Quddies: 6.45am, 8.30, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 25 ta' Ġunju | 12-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Il-Ħamis, 29 ta' Ġunju | **Solennità ta' S. Pietru u S. Pawl.**<br>Quddies: 6.45 am, 8.30 am u 6.15 pm |

## MID-DJARJU TAL-PARROĊĊA

Il-Ħamis 1 ta' Ġunju, **l-aħħar ġurnata tal-Katekiżmu tat-tfal.**
Il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju fil-4.45 pm, **jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali.**
Il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju fis-7.00 pm, **quddiesa fi tmiem il-Kors ta' Kana mal-koppji, ġenituri u familjari tagħhom.**

## L-EWWEL TQARBINA FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

Il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju - 7.00 pm - Quddiesa bl-Ewwel Tqarbina tat-tfal. Quddiesa tas-6.15 pm ma jkunx hawn. Ikun hemm opportunita li jittieħdu r-ritratti BISS mill-Fotografu Uffiċċjali tal-parroċċa Jonathan Bugeja mill-5.30 pm fil-Knisja Parrokkjali. Kulħadd mitlub ikun f'postu fis-6.50 pm ħalli ċ-Ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina tibda' fil-ħin. Bi ftehim mal-Fotografu Dominic Aquilina, jistgħu jittieħdu ritratti wkoll wara l-quddiesa. Vidjos jittieħdu BISS mill-vidjografu uffiċċjali tal-parroċċa George Palmier. Kulħadd hu mitlub li jibqa' f' postu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tarbina. **Kulħadd mitlub li jiġi liebes b'mod dinituż li jixraq lid-Dar t'Alla.**

Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302
**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org

PARROĊĊA
*Familja Mqaddsa*
L-IKLIN



# Il-Miġemgħa

ĠUNJU 2023
**ĦARĠA 231**

LEĦEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA

KINDLY SUPPORTED BY JB STORES

## Ġunju u Ġesù Ewkaristija

Ix-xahar ta' Ġunju jġib miegħu l-Ewwel Tqarbina tat-tfal tagħna u l-festa sabiħa tal-Corpus Christi: is-solennita' tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej Ġesù. Meta mmur nitqarben, nirċievi lil Ġesu' Kristu, l-Iben t'Alla l-ħaj. Fl-Ewkaristija hemm il-Ġisem u d-Demm, ir-Ruħ u d-Divinità ta' Ġesù Kristu Rxoxt taħt l-ispeċi sagramentali tal-ħobż u tal-inbid. Xtaqt hawnhekk li nfakkar il-kliem tal-Papa Benedittu XVI lis-Saċerdoti fil-Polonja nhar il-25 ta' Mejju 2006.

"Hemm bżonn t'adorazzjoni fis-skiet ta' Ġesu' moħbi fl-ostja. Kunu assidwi fit-talb tal-adorazzjoni u agħllmuha lill-fidili… L-adorazzjoni ewkaristika hija għajn ta' wens u dawl, partikularment lil dawk li qed ibatu."

Insemmi wkoll il-kliem tal-istess Papa Benedittu XVI lis-Saċerdoti tad-Djoċesi ta' Ruma nhar it-2 ta' Marzu 2006.

"Waqt l-Adorazzjoni Ewkaristika nidħlu f'kommunjoni profonda w mill-qalb mal-Mulej, li jagħmel lilU nnifsu preżenti korporalment fl-Ewkaristija… Mill-Ostensorju jafda lilU nnifsU lilna u jitlobna biex inkunu magħqudin mal-Preżenza tiegħu, mal-Ġisem Irxuxtat tiegħu."

Tul dan ix-xahar qaddis u Ewkaristiku nfakkar li kull nhar ta' Ħamis il-Knisja Parrokkjali tagħna tkun miftuħa l-ħin kollu mis-sitta ta' filgħodu sas-sitta ta' filgħaxija għall-Adorazzjoni ta' Ġesu' Ewkaristija.

Is-sliem
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

## IS-SIBT 10 TA' ĠUNJU – 6.00 PM QUDDIESA TAS-SOLENNITA TAL-ĠISEM U D-DEMM TAL-MULEJ.

Wara toħroġ il-purċissjoni b'Ġesu' Sagramentat u bis-sehem tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li tgħaddi minn dawn it-toroq tal-Iklin: Triq Mons Carmelo Aquilina, parti minn Triq Ġuże Pesci, Triq l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, iddur Pjazza Ninu Cremona għall-Knisja. **It-tfal tal-Ewwel tqarbina mitluba jiġu lebsin bl-ilbies tal-Ewwel Tqarbina u jġibu kaxxa jew qoffa żgħira bil-fjuri għal waqt il-purċissjoni.**

It-tfal l-oħra kollha flimkien mal-ġenituri tagħhom huma istiedna lij iġu għal din iċ-ċelebrazzjoni sabiħa. Ikun hemm ukoll is-sehem tal-iskawts tal-Iklin. **Wara l-Purċissjoni, tingħata l-Barka Sagramentali fl-aħħar.** Ikun hawn quddiesa tat-7.45 pm bħas-soltu.

## JUM IL-MISSIER

Il-weekend tas-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Ġunju nfakkru Jum il-Missier. Ikun hawn il-barka tal-Missirijiet f'kull quddiesa tal-weekend. Nirringrazzjawhom tax-xhieda tagħhom fil-komunità parrokkjali tagħna. Nitolbu wkoll għall-Missirijiet tagħna mejtin. **Inżommu f'talbna lil dawk li għalihom Jum il-Missier mhix ġurnata ta' ferħ imma waħda ta' swied il-qalb.**

Nifirħu lil Dun Karm Busuttil li jaqdi fil-parroċċa tagħna u li nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023 jagħlaq 76 sena. Nirringrazzjawh mill-qalb tas-servizz tiegħu u nawgurawlu.

## IL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL JEKK ALLA JRID SER JIBDA' T-TNEJN 2 T'OTTUBRU 2023

Ir-reġistrazzjonijiet tat-tfal għas-sena kateketika 2023-24 se jsiru kif ġej:

**1. Tiġdid ta' Reġistrazzjonijiet (Year 2 sa Year 7)**
Dawk it-tfal li huma diġà rreġistrati u jattendu l-katekiżmu hawnhekk mitlubin jimlew il-formola ta' tiġdid tar-reġistrazzjoni mill-ħolqa li ntbagħtilhom.

**2. Reġistrazzjonijiet Ġodda (Year 1 u dawk ġodda)**
Dawn li jixtieq









 jirreġistraw tfal għall-ewwel darba, bħal dawk li se jkunu Year 1 fl-iskola s-sena d-dieħla, għandhom jiġu ż-żewġ ġenituri fl-uffiċċju parrokkjali f'dawn id-dati u ħinijiet:

- Il-Ħamis 22 ta' Ġunju mis-6.30pm sas-7.30pm,
- It-Tnejn 26 ta' Ġunju mis-6.30pm sas-7.30pm, u
- Is-Sibt 8 ta' Lulju mill-10am sal-11am.

Ġenituri ta' tfal li mhumhiex mgħammda l-Iklin għandhom iġibu magħhom ukoll ċertifikat tal-Magħmudija mill-parroċċa ta' fejn tgħammdu. Ġenituri ta' tfal li ma joqgħodux l-Iklin għandhom iġibu permess biex jattendu għall-Katekiżmu fl-Iklin minn għand il-Kappillan tal-parroċċa fejn joqgħodu. Ġenituri ta' tfal li għandhom LSE l-iskola għandhom iġibu rapporti li rċevew minngħand is-CDAU jew speċjalisti oħra.

## ABBATINI ĠODDA

Il-Parroċċa qed tistieden subien li għamlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena jew fi snin imgħoddija biex jingħaqdu mal-Grupp tal-Abbatini. L-Abbatini jagħtu servizz ħdejn Ġesù Sagramentat fuq l-artal imqaddes. Il-Grupp jiltaqa' kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar fil-4.45 pm u kull abbati huwa mistenni li jagħti servizz waqt quddiesa ta' tmiem il-ġimgħa u fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi prinċipali ta' matul is-sena.

## ĦIN TAL-QUDDIES

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Quddies fis-6:45 am, u fis-6:15 pm

Il-Ħamis u l-Ġimgħa fit-8.30 a.m.

Nhar ta' Sibt: Quddies fis-6:45 am, fit-8:30 am, fis-6:00 pm u fit-7.45 pm
Nhar ta' Ħadd: Quddies fit-8:30 am, fl-10:00 am, fil-11:15 am, u fis-6:00 pm

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

KAPPILLAN: Is-Sibt 7.10 a.m. sa 10.30 a.m.

## ĦIN TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL

It-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4.30 p.m. u l-5.15 p.m. fil-ġranet tal-iskejjel tal-Istat

## ĦINIJIET OĦRA

Qrar:
Qabel kull Quddiesa tal-obbligu u tal-Ħadd

Tqarbin tal-Morda:
Kull jum tal-ġimgħa filgħodu b'appuntament wara li ssir talba lill-Kappillan

Adorazzjoni Ewkaristika:
fis-skiet il-Ħamis mis-6 am sas-6 pm

Via Sagra:
kull nhar ta' Ġimgħa fis-5.55p.m.

Rużarju:
Rużarju kuljum għoxrin minuta qabel il-quddiesa ta' filgħaxija minbarra nhar ta' Ġimgħa.